**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 600/2009**

**Illum: 30 ta' Settembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Kevin Zammit**
**(ID 330888(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Zammit, bin Emanuel u Mary nee` Formosa, imwieled l-Awstralja fl-14 ta' Lulju 1972, residenti Nru. 78, 'St. Louis', Flat 3, Triq San Luqa, Pieta` u detentur tal-karta tal-identita` numru 330888(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Dicembru 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i

minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll;

3. Ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr. S. Meli LL.D. fil-21 ta' April 2006.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz, kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Dicembru 2009, ghall-habta tas-7.00 a.m., Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta' Jacqueline Dipasquale, li dak iz-zmien kienet tahdem bhala *nurse* gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u fuq il-persuna taghha, instabu diversi tipi ta' droga ossia eroina, raza tal-*cannabis* u pjanta tal-*cannabis*, kif ukoll medicina kkontrollata.[1] Waqt l-investigazzjoni taghha, Dipasquale ikkoperat mal-pulizija u rrilaxxjat stqarrija, li giet sussegwentement ikkonfermatha minnha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn anke zvelat min kienu l-persuni li kienu jipprokurawlha d-droga u d-detenuti li ghalihom kienet intiza din l-istess droga.[2]

A bazi tal-informazzjoni moghtija minn Jacqueline Dipasquale, l-imputat odjern gie arrestat fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Dicembru 2009. Huwa rrilaxxja stqarrija

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech (a fol. 34 *et seq* tal-process); ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma (a fol. 53 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras (a fol. 51 *et seq* tal-process u a fol. 81 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' WPS 120 Caroline Marmara Jiacono (a fol. 125 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' WPC 149 Ruth Sammut (a fol. 129 *et seq* tal-process) u l-vera kopja tar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut (a fol. 137 *et seq* tal-process).

[2] Il-vera kopja tax-xhieda guramentata moghtija minn Jacqueline Dipasquale quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman tinsab esebita a fol. 59 *et seq* tal-process.

fit-3 ta' Dicembru 2009, wara li nghata s-solita twissija vigenti fil-ligi dak iz-zmien, ossia li kellu d-dritt li ma jwegibx ghad-domandi li kienu ser isirulu, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova.[3] Sussegwentement, l-istess imputat irrilaxxja stqarrija ohra nhar it-12 ta' April 2010 wara li nghata s-solita twissija u d-dritt li jottjeni parir legali u fl-istess jum, huwa kkonferma kemm l-ewwel stqarrija tat-3 ta' Dicembru 2009, kif ukoll it-tieni stqarrija tat-12 ta' April 2010 quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[4]

Jacqueline Dipasquale ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, stante li kienu ghadhom pendenti l-proceduri fil-konfront taghha.[5]

**Ikkunsidrat ukoll:**

F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala prova, bis-sahha ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 30A[6] tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istqarrija guramentata ta' Jacqueline Dipasquale li, madankollu, kif inghad, baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>**, intqal hekk:

"*Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u <u>viva voce</u>" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-**Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u*

[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 37 *et seq* u a fol. 169 *et seq* tal-process.
[4] Ara l-process verbal esebit a fol. 160 *et seq* tal-process.
[5] Ara a fol. 152 *et seq* tal-process.
[6] L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 jghid hekk: "*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat u kull xhieda moghtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xhieda tkun saret jew inghatat volontarjament, u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi*".

*ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[7] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. ... bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[8]"

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha...*".

In oltre fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, inghad hekk:

"*S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u*

---

[7] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "*Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra*."

[8] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

*(13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere ... tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliciment ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce ... hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)*" [sottolinear ta' dik il-Qorti].

Isegwi ghalhekk illi la darba l-istess Dipasquale baqghet ma xehditx *viva voce* f'dawn il-proceduri, ghaliex ezercitat id-dritt taghha li ma tinkriminax ruhha fi stadju fejn kien ghad hemm proceduri pendenti fil-konfront taghha, bir-rizultat illi l-imputat gie effettivament prekluz milli jikkonfronta u jikkontrolla l-istess xhud billi jaghmlilha l-kontro-ezami, l-istqarrija guramentata tal-istess Dipasquale ma tistax tingieb bhala prova kontra l-imputat u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tiskartaha.

Biss apparti din l-istqarrija guramentata, il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala prova l-istqarrijiet guramentati tal-imputat odjern. Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja l-ewwel stqarrija tieghu fit-3 ta' Dicembru 2009, meta allura ma kienx ghadu fis-sehh id-dritt ta' persuna arrestata li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju taghha, u sussegwentement irrilaxxja stqarrija ohra fit-12 ta' April 2010, f'liema jum huwa ghazel ukoll li jikkonferma dawn iz-zewg stqarrijiet tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza tikkontendi illi la darba l-imputat irrilaxxja l-ewwel stqarrija tieghu minghajr ma nghata d-dritt li jottjeni parir legali, tali stqarrija ghandha tigi skartata. Skond l-istess difiza, ghalkemm sussegwentement, l-imputat ikkonferma din l-ewwel stqarrija tieghu bil-gurament, l-istess stqarrija tibqa' wahda kontaminata, la darba huwa ma nghatax tali dritt meta din ittehditlu originarjament. In oltre tghid id-difiza, l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u allura ma kkonfermax bil-gurament l-ewwel stqarrija tieghu, mehuda, kif inghad, minghajr ma nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u ghalhekk din ma tistax legalment titqies bhala prova fil-konfront tieghu. Fir-rigward tat-tieni stqarrija, imbaghad, id-difiza tissottometti illi din giet rilaxxjata limitatament sabiex l-imputat jaghti informazzjoni dwar il-persuna li pprokuratlu d-droga, u ghaldaqstant, skond l-istess difiza, lanqas din ma tista' tintuza bhala prova kontrih. Tikkontendi d-difiza li kemm il-darba din l-istqarrija tigi mehuda in konsiderazzjoni bhala prova fil-konfront tal-imputat, meta l-iskop taghha kien li

huwa jkun ta' ghajnuna permezz ta' ghoti ta' informazzjoni dwar spaccatur tad-droga, dan ifisser li l-imputat ikun qed jigi intrappolat.

Jibda biex jinghad illi l-imputat ma rrilaxxjax biss l-istqarrija tat-3 ta' Dicembru 2009 u waqaf hemm, meta allura ma kienx ghadu dahal fis-sehh id-dritt ta' persuna arrestata li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Mill-atti processwali jirrizulta illi ghalkemm l-imputat ma nghatax dan id-dritt meta rrilaxxja l-ewwel stqarrija, din l-istess stqarrija giet ikkonfermatha minnu bil-gurament ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 wara l-10 ta' Frar 2010 ossia fit-12 ta' April 2010, meta allura dan id-dritt kien dahal fis-sehh u effettivament huwa nghata dan id-dritt. Jirrizulta illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, taht arrest fl-4 ta' Dicembru 2009 u sussegwentement iddecieda li jkompli jikkopera mal-pulizija u dan billi fit-12 ta' April 2010 – u allura fil-mori ta' dawn il-proceduri - apparti li rrilaxxja stqarrija ohra, mil-liema jirrizulta illi qabel ghamel dan, <u>huwa nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat</u>, liema dritt madankollu ghazel li ma jezercitahx[9], fl-istess jum ghazel li jikkonferma wkoll iz-zewg stqarrijiet bil-gurament. B'mod partikolari jirrizulta wkoll mill-atti tal-process verbal illi qabel l-istess imputat ikkonferma <u>z-zewg</u> stqarrijiet tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u allura anke dik tat-3 ta' Dicembru 2009, huwa gie infurmat bid-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat u wiegeb li dan kien diga` ghamlu. Fil-fatt mix-xhieda tal-imputat odjern jirrizulta s-segwenti:

"*Il-Magistrat ghadha kemm qratli zewg stqarrijiet li jiena rrilaxxajt lill-pulizija fit-3 ta' Dicembru, 2009 u fit-12 ta' April, 2010, u wara li wissietni illi jiena ghandi d-dritt li ma nwegibx ghal mistoqsijiet li jistghu jinkriminawni u <u>li ghandi dritt nikkonsulta ruhi mal-avukat tieghi</u> jien inwiegeb li nixtieq naghmel din ix-xhieda guramentata u nikkopera mal-pulizja ghalkemm naf li hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghi. Nghid illi dina x-xhieda qed naghmilha minn jeddi u ghaldaqstant jien lest li naghmel din id-dikjarazzjoni u <u>ma hemmx ghalfejn nikkonsulta ruhi mal-avukat tieghi qabel ma naghmel dana ghaliex fil-fatt huwa stess issuggerieli nikkopera mal-pulizija</u>*"[10] [sottolinear tal-Qorti].

Ghalhekk ghalkemm huwa minnu li l-imputat originarjament irrilaxxja l-istqarrija tat-3 ta' Dicembru 2009 minghajr ma nghata d-dritt li jottjeni parir legali, ma jistax jinghad l-istess meta gie biex jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-

[9] A fol. 174 tal-process.
[10] A fol. 178 u 179 tal-process.

Magistrat Inkwirenti. Anzi mhux talli inghata dan id-dritt, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx f'dak il-waqt, talli minn kliemu stess jirrizulta illi dwar dan, huwa kien diga` ottjena parir legali u li huwa kien qed jikkopera mal-pulizija proprju fuq dan il-parir! Kien fil-fatt f'dan l-isfond li huwa rrilaxxja t-tieni stqarrija tieghu fit-12 ta' April 2010 u fl-istess jum, ikkonferma z-zewg stqarrijiet tieghu bil-gurament. Kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza, huwa rrilevanti li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (kif kellu kull dritt li jaghmel) u li ghalhekk ma kkonfermax din l-istqarrija tieghu quddiem din il-Qorti, ghaliex l-istqarrija giet ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti u ghalhekk din hija proprju xhieda tieghu, liema xhieda ma jistax jinghad illi hija inammissibbli.

Il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' s-sottomissjoni tad-difiza dwar l-inammissibilita` tal-istqarrijiet rilaxxjati u guramentati mill-imputat bhala prova kontra tieghu, a bazi tal-fatt illi dawn inghataw biss bl-iskop li l-imputat jghin lill-pulizija sabiex tasal ghall-fornitur tieghu. Ghalkemm huwa minnu li l-imputat, permezz tat-tieni stqarrija, ikkopera mal-pulizija billi kixef lill-persuna li fornietu bid-droga, tant li effettivament fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta[11], biss huwa evidenti li tali stqarrija, bhal l-ewwel wahda, tikkostitwixxi konfessjoni ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta[12] u fic-cirkostanzi, m'hemm xejn li jippreklidihom milli jaghmlu prova kontra min ghamilhom, f'dan il-kaz, l-imputat odjern. Mhux biss, izda mix-xhieda tal-imputat, citata izjed 'il fuq, jirrizulta wkoll illi huwa nghata d-dritt li ma jirrispondix ghal dawk id-domandi li jistghu jinkriminawh u ddikjara li xtaq jikkonferma l-istqarrijiet tieghu bil-gurament, minkejja li kien konxju mill-fatt li kien hemm proceduri – ossia l-proceduri odjerni - pendenti fil-konfront tieghu. L-argument tad-difiza li l-uzu tal-istqarrijiet guramentati bhala prova kontra l-imputat, f'dawn ic-cirkostanzi, tammonta fi kliemha stess ghal "*entrapment* indirett" huwa ghalhekk wiehed fieragh, izjed u izjed meta jirrizulta wkoll li huwa ghazel li jikkonferma l-istqarrijiet tieghu bil-gurament fuq parir tal-avukat tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis iz-zewg stqarrijiet guramentati tal-imputat bhala provi ammissibbli.

---

[11] Ara l-verbal a fol. 182 tal-process.

[12] L-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali jghid hekk: "*Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi*".

Jirrizulta mill-ewwel stqarrija guramentata tal-imputat ossia dik tat-3 ta' Dicembru 2009, illi l-imputat jghid illi huwa gieli xtara d-droga eroina ghal huh u ghaddiha lil *nurse* li tahdem il-habs, sabiex din tghaddi l-istess droga lil huh. Jghid ukoll illi huwa kien ihallas ghad-droga bil-flus li kien jaghtih huh u kien ihallas €50 lin-*nurse* sabiex din iddahhal id-droga l-habs. Jghid ukoll illi huwa kien jaghmel dan xi darba fil-gimgha, fix-xahrejn ta' qabel. Jispjega wkoll illi l-ewwel darba kien cempillu huh u talbu biex jaqdih, tah numru tat-telefon ta' terza persuna li huwa kellu jixtri d-droga minghandu u qallu li kienet ser iccempillu *nurse* tal-habs biex tiftiehem mieghu u tigbor id-droga. Jghid illi fil-fatt hekk sar. Jghid ukoll illi fil-maggor parti tad-drabi, kienet iccempillu n-*nurse* biex tigbor id-droga, hu kien jghaddilha d-droga u jhallasha €50. L-imputat jghid ukoll illi huh kien jibghatlu l-flus ma' terzi persuni li huwa ma kienx jafhom u li huwa kien jixtrilu zewg jew tliet grammi eroina kull darba. Jghid illi huwa qatt ma ha flus jew xi haga ohra, la minghand huh u lanqas minghand in-*nurse*, sabiex jaghmel dan u li ghamel hekk bi pjacir lil huh. Jghid ukoll illi n-*nurse* in kwistjoni kellha vettura Fiat Brava[13] u jsemmi wkoll fejn kien jiltaqa' maghha biex jghaddilha d-droga u n-numru tal-*mobile* li fuqu kienet iccempillu n-*nurse* sabiex jiftehmu.

Fit-tieni stqarrija guramentata tat-12 ta' April 2010, imbaghad, l-imputat isemmi l-persuna li minghandha kien jixtri d-droga u jghid li dan sehh xi sitt darbiet. Jghid illi kull darba, huwa kien jixtri xi tliet grammi eroina u li ghal kull gramma kien ihallas madwar €60. Hlief ghall-korrezzjoni rigward il-fornitur tieghu, mill-bqija huwa jikkonferma l-ewwel stqarrija tieghu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat gie akkuzat talli fit-2 ta' Dicembru 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, huwa forna jew ipprokura d-droga eroina jew offra li jforni jew jipprokura din id-droga.

Skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kelma 'traffikar' tinkludi "*l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-*

[13] Fix-xhieda taghha, WPS 120 Caroline Marmara tghid illi wara li saret tfittxija fuq il-persuna tan-*nurse* fit-2 ta' Dicembru 2009, saret ukoll tfittxija fil-vettura taghha ossia Fiat Brava, liema vettura kienet ipparkjata faccata tal-habs (ara a fol. 126 tal-process). Dan gie kkonfermat ukoll minn WPC 149 Ruth Sammut (a fol. 129 u 130 tal-process).

*Ordinanza*" (sottolinear tal-Qorti). Il-kelma 'provvista' fit-test Ingliz hija indikata bhala '*supply'*. Huwa car illi bil-fatt illi l-imputat ghadda d-droga eroina lil terza persuna, f'dan il-kaz lin-*nurse* kif jghid fl-istqarrija tieghu (sabiex hi da parti taghha tghaddi d-droga lil huh) anke jekk minghajr hlas jew korrispettiv, huwa kien qieghed jipprovdi jew iforni din id-droga u ghaldaqstant dan jammonta ghal traffikar fis-sens li trid il-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, huwa kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina. Jirrizulta car, mill-istqarrijiet guramentati tal-imputat, li fil-fatt huwa kellu fil-pussess tieghu din id-droga u ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi sub-artikolu tal-Artikolu 22 jghid hekk:

"*Kull min jittenta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ihajjar jew igieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat, jehel, meta jinsab hati, minghajr pregudizzju ta' kull responsabbilta` ohra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taht din l-Ordinanza.*"

Effettivament kull ma jaghmel dan is-sub-artikolu huwa li in kwantu jirrigwarda l-piena, iqieghed it-tentattiv ta' kull reat kontra l-Ordinanza fuq l-istess livell tar-reat kkunsmat u jistabilixxi l-istess piena ghal certi forom ta' komplicita` dwar reati kontra l-istess Ordinanza bhal dik stabbilita ghall-awtur. Mhux il-kaz ghalhekk illi dan is-sub-artikolu johloq xi reat kontra l-Ordinanza. Minn qari tat-tielet imputazzjoni jirrizulta car illi l-imputat gie akkuzat bit-tentattiv ta' reat kontra l-Ordinanza jew bil-komplicita` fl-istess reat, fil-forom hemm indikati, minghajr madankollu ma gie indikat ghal-liema reat partikolari, taht l-istess Ordinanza, qed jirreferi t-tentattiv jew f'liema reat partikolari kien hemm il-komplicita`. Certament illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tindaga fl-atti sabiex tasal ghar-reat li ghalih tkun qeghda tirreferi l-imputazzjoni biex tissupplimenta ghan-nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li ma ndikat bl-ebda mod dwar liema reat kien

allegatament sar it-tentattiv da parti tal-imputat jew f'liema reat l-imputat kien allegatament komplici. Issegwi naturalment id-domanda: dwar liema reat allura ghandha l-Qorti tiddetermina jekk kienx hemm il-komplicita` jew it-tentattiv? Dan izjed u izjed meta certi cirkostanzi jistghu jaghtu lok ghal izjed minn reat wiehed kontra l-Ordinanza. Huwa evidenti illi din l-imputazzjoni ma gietx impostata tajjeb u ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li la ghandha tillibera u lanqas issib htija ta' imputazzjoni li ma tikkontemplax ir-reat. Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi ma tistax hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Finalment, l-imputat gie addebitat ukoll bir-recidiva u dan a bazi ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. S. Meli, fil-21 ta' April 2006. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija kif inghad fil-konfront ta' Kevin Zammit.[14] Il-konnotati kollha, inkluz in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz, huma identici ghal dawk tal-imputat odjern u ghalhekk, jirrizulta car illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' multa. Ghaldaqstant, l-imputat qed jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fl-ewwel lok illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss huwa kkopera bis-shih mal-pulizija, tant li, kif inghad izjed il'fuq, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi huwa ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont tal-livell ta' koperazzjoni tal-imputat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, il-Qorti qeghda tnaqqas il-piena ta' prigunerija applikabbli b'zewg gradi.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sal-11 ta' Mejju 2015 li fil-maggor parti tikkonsisti f'kundanni relatati ma' sewqan u s-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler fir-rigward tal-imputat odjern[15], mil-liema jirrizulta illi l-imputat jghix hajja stabbli, ghandu mpjieg regolari u li kemm il-genituri tieghu, kif ukoll martu u wliedu huma dipendenti fuqu.

Qieset ukoll min-naha l-ohra, in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet odjerni u illi minkejja li ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi gwadann finanzjarju jew ta' xi

[14] A fol. 48 *et seq* tal-process.
[15] A fol. 195 *et seq* tal-process.

xort'ohra talli kkommetta r-reati odjerni, biss huwa pprokura d-droga eroina lil terzi bl-iskop li din tiddahhal gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u ghar-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu – u ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ir-reati jassumu izjed gravita`. Mhux biss, izda jirrizulta mill-istqarrijiet tal-imputat illi huwa kien ghamel dan madwar darba fil-gimgha, fuq perjodu ta' cirka xahrejn u li kull darba kien jakkwista bejn zewg grammi u tliet grammi eroina, ammonti dawn li diga` m'humiex negligibbli fit-triq meta wiehed jikkunsidra li minn zewg grammi johorgu madwar ghoxrin doza eroina (minn tliet grammi johorgu madwar tletin doza eroina), *multo magis* gewwa l-habs.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u qed tikkundannah ghal piena ta' **hdax-il xahar prigunerija effettiva** u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqas li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ghar-ragunijiet fuq indikati, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut mahtur fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar "is-sejba ta' ammont sostanzjali ta' droga fuq il-persuna ta' Jacqueline Dipasquale hija u diehla fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nhar it-2 ta' Dicembru 2009" u dan stante illi fid-dawl tal-fatt illi Jacqueline Dipasquale ma xehditx f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma strahitx fuq il-konkluzjonijiet tal-istess espert sabiex issib htija fl-imputat odjern. Ir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 239 Joseph

Caruana ma gietx esebita f'dawn il-proceduri u fi kwalunkwe kaz, japplika l-istess ragunament anke fir-rigward tal-ispejjez konnessi ma' din ir-relazzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat